# Kumitat Amministrattiv SWATAR

**Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida**

Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

# Minuti

## Seduta Nru. 7/2011

Data: Il-Ħamis, 13 ta’ Jannar 2011

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud
John Mary Zahra
Jane (Yvonne) Spiteri
Mario Xuereb
Rudolph Cini
Christopher Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Minn naħa tal-Kunsilli Lokali ta’ Birkirkara kif ukoll tal-Imsida ħadd m’attenda.

---

## AĠENDA

1. Talba
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti mqajma mill-Minuti
4. Korrispondenza
5. Ilmenti u Proposti
6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*
7. Affarijiet Oħra
8. Aġġornament

---

## Kontenut

Annex A Minuti 7/2011

Annex B Tabella ta’ Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 7/2011**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 6/2010 li saret nhar id-9 ta' Diċembru 2010 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.1.1 –** L-Aġent Segretarju qal li l-applikazzjoni qiegħedha f'idejn il-Perit tal-Kunsill Lokali Birkirkara sabiex japplika għall-UIF. Taraġ ta' Valley Road

**3.2** **Fuq punt 3.3 -** L-Aġent Segretarju qal li l-fuljett minn naħa tal-Kunsill Lokali Birkirkara tqassam fil-ħin qabel il-Milied. Fuljett mill-Kumitat

3.2.1 Il-Kunsill Lokali L-Imsida ma leħħaqx iqassam il-fuljett fil-ħin qabel il-Milied peress li l-istampatur tal-Kunsill ma lestihomx. L-Aġent Segretarju emenda l-fuljett fejn iċ-Chairperson qiegħedha tawgura l-Milied it-tajjeb u ftiehem mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Imsida sabiex il-fuljett jitqassam f'Jannar 2011.

**3.3** **Fuq punt 3.4 -** L-Aġent Segretarju qal li ma leħħaqx jagħmel l-appuntament maż-Zak u ser jipprova jiffissa data magħhom qabel il-laqgħa li jmiss. Kunsill taż-Żagħżagħ

**3.4** **Fuq punt 3.5 -** L-Aġent Segretarju qal li informa lis-Sur Daniel Magrin bid-Deċiżjoni tal-Kumitat li ser jibqa' fuq il-parir tal-Perit. Is-Sur Magrin ma kienx sodisfatt bir-risposta u baqa' jinsisti li r-responsabbilta' tat-triq mhux tiegħu. Biex isostni dan, is-Sur Magrin bagħat estratt min artiklu tat-*Times of Malta* fejn hu identiku għall-każ tiegħu u l-Ombudsman ikkonkluda li r-responsabbilta' hi tat-Transport Malta u mhux tar-resident. Is-Sur Magrin talab sabiex il-Kumitat jerġa jikkonsidra l-każ tiegħu. Ilment tas-Sur Daniel Magrin.

3.4.1 Il-Kumitat, wara li reġa ddiskuta l-każ kif ukoll l-artiklu tat-*Times of Malta* iddeċieda li jikteb lit-Transport Malta fuq il-każ tas-Sur Magrin.

**3.5** **Fuq punt 3.6.1 –** Is-Sur Mario Xuereb qal li jippreferi li mal-ħitan tal-Bandli fejn ser isir il-proġett jibqa' nadif u jinżebagħ b'żebgħa l-istess u ma jsirux graffiti għax hemm il-biża li jibqgħu ipinġu aktar ma' li jkun hemm u jsir maħmuġ. Proġett tal-Bandli tas-Swatar

3.5.1 Il-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta.

**3.6** **Fuq punt 3.8.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li fuq Triq Indri Grima, s-Segretarju Eżekuttiv tal-Imsida wieġeb li hemm m'hemmx problema ta' *parking* u r-residenti stess dejjem qalu lill-Kunsill li ma jridux *parking bays.*

Żebgħa tas-Sinjali tat-Toroq.

3.6.1 Is-Sur Rudolph Cini qal li din it-talba saret mir-residenti u huma jridu li jitkomplew l-*parking bays.*

3.6.2 Il-Kumitat iddeċieda li fit-Triq Indri Grima jinżebgħu il-*parking bays* fejn m'hemmx.

**3.7** **Fuq punt 3.8.3 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Imsida wieġeb li marru fuq il-post u ma sabu ebda tappiera fuq il-bankina fit-Triq tal-Maypole.

Tappiera fi Triq tal-Maypole.

3.7.1 Is-Sinjura Yvonne Spiteri wieġbet li din mhux kbira u m'hix tappiera ta' drenaġġ. Talbet sabiex s-Segretarju Eżekuttiv tal-Imsida jiġi nfurmat sabiex jċemplilha u tispjegalu fejn qiegħedha eżatt.

**3.8** **Fuq punt 4.1 –** Is-Sur Rudolf Cini qal li dawn il-bins ta' reċiklaġġ għadhom l-istess. L-Aġent Segretarju wieġeb li hemm problema għax iż-żewġ Kunsilli qegħdin jgħidu li dawn il-bins m'humiex tagħhom. Il-

Bins ta' Reċiklaġġ

3.8.1 Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju għandu jkellem lill-Kuntrattur ta' dawn il-bins sabiex jitnaddfu u jersqu lura.

**3.9** **Fuq punt 5.1.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-mappa tan-naħa ta' Birkirkara li kien tah is-Sindku hija antika li fil-fatt hemm ċerti toroq fis-Swatar ma kienux għadhom inbnew. Is-Segretarju qal li issa ser idur Triq Triq u jagħmel mappa li jkun fiha *t-traffic flow* tat-toroq kollha tas-Swatar. Kif tkun lesta, jgħaddiha lill-Kumitat sabiex ikun jista' jiddiskuti fuq *Traffic Management* ġewwa s-Swatar.

Mappa ta' *Traffic Flow.*

**3.10** **Fuq punt 5.1.2 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li s-Segretarju Eżekuttiv ta' Birkirkara ikkonfermalu li fi Triq it-Torri qed ikun hemm diġa preżenza ta' Gwardjan Lokali li fil-fatt, fix-xahar ta' Diċembru 2010, il-Gwardjani Lokali ħarġu madwar 72 ċitazzjoni f'dik it-Triq fuq offiżi bħal *U turns, double parking etc.*

Gwardjani Lokali

**3.11** **Fuq punt 5.1.3 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ċempel lill-Kappilan Fr Gordon u kkonfermali li ebda tip ta' ftehim ma sar ma' l-APS iżda qiegħedha fil-ħsieb tiegħu.

Problema ta' *Parking*

**3.12** **Fuq punt 5.1.5 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li jrid jaħdem fuqha u kif ilesti l-lista jressaqha quddiem il-Kumitat sabiex jiddiskutiha.

Ismijiet ġodda tat-Toroq

# 4. Korrispondenza

**4.1** *Iċ-Chairperson* għaddiet lill-Aġent Segretarju l-Formola ta' Aċċettazzjoni mir-Residenti biex isiru x-xogħol fejn resident fi Triq Paul Borg Olivier aċċetta li l-fanal tat-Triq jitwaħħal mal-faċċata tagħhom peress li hija mudlama.

Fanal tat-Triq fi Triq Paul Borg Olivier.

# 5. Ilmenti u Proposti

**5.1** *Iċ-Chairperson* qalet li fi Sqaq Sant' Andrija qed ikun hemm resident li qed jokkupa spazju ta' parkeġġ bi bramel sakemm jasal u jipparkja hu.

Parkeġġ okkupat minn resident fi Sqaq Sant'Andrija.

5.1.1 Il-Kumitat iddeċieda li jittieħed ritratt tal-parkeġġ u jintbagħat Gwardjan Lokali fuq il-post.

**5.2** Is-Sur Mario Xuereb ippropona li fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra ssir żebgħa tat-triq mill-ġdid għax mhux miżbugħa.

Żebgħa tat-Triq fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra.

5.2.1 Il-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta.

**5.3** Is-Sur Mario Xuereb ippropona li fi Triq tal-Qattus, fejn hemm il-Mużew, hemm bżonn li ma jgħaddux karozzi fil-ħinijiet tal-Mużew għax għad isir xi inċident kbir. Is-Sur Xuereb ippropona li ssir tabella ta' *NO ENTRY* fit-truf tat-Triq fil-ħinijiet tal-Mużew biss u għall-ewwel ftit żmien ikun hemm Gwardjan Lokali biex imexxi t-Traffiku u sakemm jidrawha n-nies.

Tabella ta' *No Entry* fi Triq tal-Qattus minħabba l-Mużew.

5.3.1 Il-Kumitat qabel unanimament ma' din il-proposta.

**5.4** Is-Sur Rudolph Cini qal li fi Triq il-Ġostra, il-Veggie Shop għandu bżonn li jkollu *loading and unloading bay* quddiem il-ħanut tiegħu għall-waqt il-ħin tal-ħanut għax qed ikollu problema biex iħott ix-xogħol.

*Loading and Unloading Bay.*

5.4.1 Il-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta.

5.4.2 ** Is-Sur Rudolph Cini ħareġ mill-laqgħa fis-6:30pm minħabba mpenji oħra.*

**5.5** Is-Sur Jimmy Zahra qal li hemm resident li għandu garaxx (fil-kantuniera ta' Triq il-Qanpiena li ddur ma Triq Graffiti Navali) u qed isibha problema biex joħroġ mill-garaxx għax minn mindu Triq Graffiti Navali saret *one way,* il-karozzi qed iduru bi *speed* eċċessiv. Is-Sur Jimmy Zahra qed jipproponi li ssir *sleeping policeman.*

Talba għall-*Sleeping Policeman*

5.5.1 Il-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta.

5.5.2 Is-Sinjura Yvonne Spiteri qalet li fi Triq il-Balliju Guttenberg, quddiem Ramp Around, ukoll hemm bżonn ta' *sleeping policeman* għax il-karozzi qed jinżlu minn hemm bi *speed* eċċessiv u hemm il-periklu.

5.5.3 Il-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta.

**5.6** Iċ-Chairperson qalet li hemm bżonn ta' parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita' quddiem iċ-Ċentru tad-Diżabilita' fi Triq il-Balliju Guttenberg. Meta jiġu l-vannijiet sabiex jiġbru u jwasslu lill-klijenti, qed ikollhom problema għax quddiem iċ-Ċentru mhux qed isibu jipparkjaw u jkollhom iħallu l-vannijiet f'nofs tat-Triq. Din toħloq inkonvenjent kemm għall-min irid iqandel il-pazjent kif ukoll għax qed

*Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'*

tiġi ostakolata t-Triq. Meta dan il-parkeġġ ma jkunx qed jintuża miċ-Ċentru, jkun jista' jintuża minn kulħadd li għandu l-*blue sticker*.

5.6.1 Il-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta.

**5.7** Is-Sur Jimmy Zahra qal li hemm resident li qed jilmenta li l-kaxxa s-safra ta' quddiem il-garaxx tiegħu mhux qiegħedha kbira biżżejjed. Is-Sur Zahra għandu jibgħat d-dettalji lill-Aġent Segretarju sabiex jiċċekkja fuqha. Kaxxa Safra quddiem garaxx ta' resident.

**5.8** Il-Kumitat kompla jiddiskuti l-ilmenti u l-proposti tal-Kappillan Fr Gordon.

5.8.1 L-Aġent Segretarju issuġġerixxa wara li l-Kumitat ilesti jiddiskuti l-proposti kemm ta' Fr Gordon, kif ukoll tas-Sur Mario Xuereb, il-Kumitat jaqbad suġġett suġġett, jiġi diskuss u jitwettaq sabiex il-Kumitat jimxi b'mod ordnat. Il-Kumitat qabel ma din il-proposta u beda jiddiskuti l-ilmenti u l-proposti ta' Fr Gordon.

5.8.2 **Fuq punti 1h, 1i u 1j** – Il-Kumitat iddeċieda li dawn il-punti jiġu diskussi meta jiġi diskuss is-suġġett ta' *Traffic Management.* *Traffic Management*

5.8.3 **Fuq punt 2** – Il-Kumitat iddeċieda li dan il-proġett huwa diġa fil-ħsieb tal-Kumitat u meta jkun ser isir, ser jirreferu wkoll għall-proposti tal-Kappillan. Proġett tas-Sisla

5.8.4 **Fuq punt 3** – Il-Kumitat jaqbel ma dan il-punt li ssir spiżerija fis-Swatar. Applikazzjoni diġa hemm iżda l-permessi għadhom miżmuma peress li hemm kawża għaddejja l-Qorti. Spiżeriji fis-Swatar

5.8.5 **Fuq punt 4** – Il-Kumitat iddeċieda li s-Swatar mhux post turistiku u mapep taż-żona mhux neċessarji. Mapep taż-żona

5.8.6 **Fuq punt 5** – Il-Kumitat jaqbel ma' din il-proposta u dan hu proġett li hu diġa fil-ħsieb tal-Kumitat. Il-Kumitat għandu l-ħsieb li jagħmel tabelli ta' informazzjoni u direzzjonijiet tal-ħwienet li hemm fis-Swatar sabiex il-pubbliku jkun jaf fejn qegħdin dawn il-ħwienet. B'hekk meta jsiru dawn it-tabelli jitneħħew l-oħrajn li qegħdin hemm diġa li qed ikerħu l-ambjent. Barra minn hekk il-Kumitat imbagħad ikun jista' jitlob xi forma ta' miżata mingħand dawk il-ħwienet li jixtiequ jniżżlu l-ħanut tagħhom fuq dawn it-tabelli u sservihom ukoll bħala riklam. L-Aġent Segretarju għandu jaħdem fuq id-dettalji ta' dan il-proġett u jressqu quddiem il-Kumitat sabiex jiddiskutih. Tabelli ta' Informazzjoni

5.8.7 **Fuq punt 6** – Iċ-Chairperson qalet li din tista ssir minn skema. Qalet ukoll li ħarġet Memo 1/2011 fuq skema tal-*Housing* fuq il-*flats* tal-Gvern li tajjeb li l-Kumitat jidħol għalija. Is-Sur Mario Xuereb qal li l-Kumitat għandu jidentifika liema huma l-flats li qegħdin is-Swatar. Is-Sur Xuereb spjega wkoll kif taħdem din l-iskema u semma li tajjeb li l-Kumitat japplika. Memo 1/2011

5.8.8 Il-Kumitat iddeċieda li jiċċekkja r-rekwiżiti kollha li tirrikjedi Memo 1/2011 sabiex il-Kumitat japplika għall-din l-iskema.

5.8.9 Il-Kumitat lesta jiddiskuti l-proposti u ilmenti ta' Fr Gordon.

**5.9** Iċ-Chairperson qalet li waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara tqassmu xi karti fuq xi rendikont tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys. Dawn ir-rendikonti, il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar qatt ma rċieva minnhom. Finanzi tal-Kumitat

5.9.1 Is-Segretarju Eżekuttv wieġeb li għandu jitlob liż-żewġ Kunsilli rendikont ta' xi ntefaq matul is-sena 2010 sabiex il-Kumitat ikun jaf kif inhu finanzjarjament.

5.9.2 Il-Kumitat qabel unanimament.

**5.10** Il-Kumitat beda jiddiskuti l-proposti tas-Sur Mario Xuereb.

5.10.1 **Fuq punt 1** – Is-Sur Mario Xuereb qal li din it-Triq ma taqax taħt il-konfini tas-Swatar iżda hija aċċess għas-Swatar u l-Kumitat għandu jitlob lill-Kunsill sabiex jieħu ħsieb din it-Triq u ssir mill-ġdid u tingħata t-tarmak. Triq bit-Tarmak – Triq Fonzu Maria Galea

5.10.2 Il-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta.

**5.11** **Fuq punt 2** – Is-Sur Mario Xuereb qal li l-Kumitat għandu jindirizza din il-problema ta' *parking*. Qal ukoll li l-Kumitat għandu javviċina l-APS, il-Business Centre u oħrajn li qegħdin fi Triq it-Torri u jissuġġerilhom sabiex jgħatu xi ħaġa lura lill-komunita' billi jikkontribwixxu talli qed joħolqu ħafna inkonvenjent ta' parkeġġ ġewwa s-Swatar. B'dawn il-fondi, il-Kumitat ikun jista jutilizhom fi proġetti għall-ambjent u fl-istess ħin isimhom ikun qed jissemma madwar iż-żona. Problema ta' *Parking*

5.11.1 Il-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta.

**5.12** **Fuq punt 3** – Is-Sur Mario Xuereb qal li teżisti sitwazzjoni fejn numru ta' *semi-basements* mhux qed ikunu *finished* bi ċnut kif suppost. Is-sidien ta' dawn il-propjetajiet għandhom jiġu kkuntattjati għax hemm periklu kbir għat-tfal li jistgħu jaqgħu. Periklu għat-tfal

5.12.1 Il-Kumitat qabel ma din il-proposta u ddeċieda li jittieħdu r-ritratti ta' dawn il-perikli u jiġu kkuntattjati s-sidien.

**5.13** **Fuq punt 4** – Is-Sur Mario Xuereb qal li fi Triq Grosseto il-problema ta' drenaġġ jidher li waqfet. Problema ta' Drenaġġ

**5.14** Fuq il-punti l-oħra, Is-Sur Mario Xuereb qal li kollha kienu diskussi qabel u illum m'hemmx aktar x'jiġi diskuss fuqhom u d-diskussjoni fuq il-proposta tas-Sur Mario Xuereb ġiet konkluża.

**5.15** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja l-proċeduri eżatti kif issir il-laqgħa Pubblika u jirraporta l-Kumitat fil-laqgħa li jmiss. Laqgħa Pubblika.

## 6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**6.1** Iċ-*Chairperson* bdiet billi awgurat is-sena t-tajba u sena ta' ħidma lill-membri kollha tal-Kumitat.

**6.2** Iċ-*Chairperson* qalet li tixtieq li l-Kumitat jiltaqa' ta' l-inqas darba fix-xahar u jdur it-toroq tas-Swatar sabiex ikun jista jara l-problema li hemm u jibda' jindirizzhom. Iċ-*Chairperson* kompliet billi qalet li sa l-aħħar ta' Frar, il-Kumitat ikun beda jiddiskuti t-*Traffic Management*.

6.2.1 Il-Kumitat iddeċieda li l-ħin għandu jkun wara s-7pm.

**6.3** Iċ-*Chairperson* qalet li llum, hi flimkien mas-Sur Mario Xuereb kellhom intervista mill-istazzjoni tat-televiżjoni Education 22. Qalet li waqt l-intervista, semmew lill-kull membru tal-Kumitat u spjegaw fuq il-ħidma tal-Kumitat u l-prospetti li għandu. L-Intervista għandha tixxandar it-Tnejn bejn l-10am u l-11am. Programm fuq Education 22

**6.4** Iċ-*Chairperson* qalet li tixtieq li kull membru jipparteċipa u ma jaqtax qalbu sabiex il-Kumitat japplika u jibbenefika minn kull skema li toħroġ. Qalet ukoll li l-Kumitat huwa kapaċi biżżejjed biex japplika għall-iskemi u proġetti u x-xogħol qiegħed jidher. Fejn ikun hemm il-ħtieġa, il-Kumitat għandu jirrikorri għall-għajnuna ta' l-esperti.

## 7. Affarijiet Oħra

**7.1** Ma kienx hemm ebda Affarijiet Oħra x'jiġu diskussi.

## 8. Aġġornament

**8.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8:00pm għall-Ħamis, 17 ta' Frar 2011 fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| 3.3 | **Fuq punt 3.4**<br>Kunsill taż-Żagħżagħ | Tiġi ffissata data sabiex il-Kumitat jiltaqa' maż-ŻAK. | Aġent Segretarju |
| 3.4 | **Fuq punt 3.5**<br>Ilment tas-Sur Daniel Magrin. | Tintbagħat email lit-Transport Malta fuq il-każ tas-Sur Magrin | Aġent Segretarju |
| 3.6 | **Fuq punt 3.8.1**<br>Żebgħa tas-Sinjali tat-Toroq. | Fit-Triq Indri Grima jinżebgħu il-*parking bays* fejn m'hemmx. | Aġent Segretarju |
| 3.7 | **Fuq punt 3.8.3**<br>Tappiera fi Triq tal-Maypole. | Is-Sinjura Yvonne Spiteri talbet sabiex s-Segretarju Eżekuttiv tal-Imsida jiġi nfurmat sabiex jċemplilha u tispjegalu fejn qiegħedha eżatt. | Aġent Segretarju |
| 3.8 | **Fuq punt 4.1**<br>Bins ta' Reċiklaġġ | l-Aġent Segretarju għandu jkellem lill-Kuntrattur ta' dawn il-bins sabiex jitnaddfu u jersqu lura. | Aġent Segretarju |
| 3.9 | **Fuq punt 5.1.1**<br>Mappa ta' *Traffic Flow*. | Issir mappa li jkun hemm fiha t-*traffic flow* kollu tas-Swatar. | Aġent Segretarju |
| 3.12 | **Fuq punt 5.1.5**<br>Ismijiet ġodda tat-Toroq | Tinġabar lista ta' Toroq li huma bla isem jew li jridu jinbidlilhom isimhom. | Aġent Segretarju |
| 4.1 | Fanal tat-Triq fi Triq Paul Borg Olivier. | Tintbagħat il-formola lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara sabiex jibdew il-proċeduri u jitwaħħal il-fanal. | Aġent Segretarju |
| 5.1 | Parkeġġ okkupat minn resident fi Sqaq Sant'Andrija. | Jittieħed ritratt tal-parkeġġ u jintbagħat Gwardjan Lokali fuq il-post. | Aġent Segretarju |
| 5.2 | Żebgħa tat-Triq fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra. | Fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra ssir żebgħa tat-triq mill-ġdid għax mhux miżbugħa. | Aġent Segretarju |
| 5.3 | Tabella ta' *No Entry* fi Triq tal-Qattus minħabba l-Mużew. | Ssir tabella ta' *NO ENTRY* fit-truf tat-Triq fil-ħinijiet tal-Mużew biss u għall-ewwel ftit żmien ikun hemm Gwardjan Lokali biex imexxi t-Traffiku u sakemm jidrawha n-nies. | Aġent Segretarju |
| 5.4 | *Loading and Unloading Bay.* | Fi Triq il-Ġostra, il-Veggie Shop għandu bżonn li jkollu *loading and unloading bay* quddiem il-ħanut tiegħu għall-waqt il-ħin tal-ħanut. | Aġent Segretarju |

| **Ref.** | **Suġġett** | **Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa** | **Entita' / Persuna Responsabbli** |
|---|---|---|---|
| **5.5** | Talba għall-*Sleeping Policeman* | Issir *sleeping policeman* fit-tarf ta' Triq il-Qanpiena qabel ma ddur għat-Triq Graffiti Navali. | Aġent Segretarju |
| **5.5.2** | Talba għall-*Sleeping Policeman* | Issir *sleeping policeman* fit-tarf tat-Triq il-Balliju Guttenberg. | Aġent Segretarju |
| **5.6** | *Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'* | Isir parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita' quddiem iċ-Ċentru tad-Diżabilita' fi Triq il-Balliju Guttenberg. | Aġent Segretarju |
| **5.7** | Kaxxa Safra quddiem garaxx ta' resident. | Is-Sur Zahra għandu jibgħat d-dettalji lill-Aġent Segretarju sabiex jiċċekkja fuqha. | Is-Sur Jimmy Zahra |
| **5.8.6** | Tabelli ta' Informazzjoni fit-Toroq. | L-Aġent Segretarju għandu jaħdem fuq il-proġett tat-tabelli ta' informazzjoni u direzzjonijiet fejn qegħdin il-ħwienet. Kif ilesti d-dettalji tal-proġett, iressqu quddiem il-Kumitat sabiex jiddiskutih. | Aġent Segretarju |
| **5.8.7** | Memo 1/2011 | Il-Kumitat iddeċieda li jiċċekkja r-rekwiżiti kollha li tirrikjedi Memo 1/2011 sabiex il-Kumitat japplika għall-din l-iskema. | Aġent Segretarju |
| 5.9.1 | Finanzi tal-Kumitat | L-Aġent Segretarju għandu jitlob liż-żewġ Kunsilli rendikont ta' xi ntefaq matul is-sena 2010. | Aġent Segretarju |
| 5.10.1 | Tarmak fi Triq Fonzu Maria Galea | Il-Kumitat għandu jitlob lill-Kunsill sabiex jieħu ħsieb Triq Fonzu Maria Galea, issir mill-ġdid u tingħata t-tarmak. | Aġent Segretarju |
| 5.11 | Problema ta' Parkeġġ | Il-Kumitat jiltaqa' mal-aġenziji li hemm fi Triq it-Torri. | Aġent Segretarju |
| 5.12 | Periklu | Jittieħdu r-ritratti ta' dawn il-perikli u jiġu kkuntattjati s-sidien. | Aġent Segretarju |
| **5.15** | Laqgħa Pubblika | L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja l-proċeduri eżatti kif issir il-laqgħa Pubblika u jirraporta l-Kumitat fil-laqgħa li jmiss. | Aġent Segretarju |